**14 ta' Novembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Prokuratur Legali Joseph M. Galea

*versus*

Paul Dowling

**Serviġi — Kumpens — Art. 1983 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Ma hemm xejn illegali illi wieħed jiftiehem preventivament dwar*

*il-kumpens li għandu jiġi lilu mogħti għal serviġi li jippresta sakemm ikun fil-limiti tar-raġjonevolezza u ma jkun hemm ebda sproporzjon manifest bejn il-kompens pattwit u s-serviġi li ġew resi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi fuq inkariku tal-konvenut irrendielu diversi serviġi u prestazzjonijiet oħra riżultanti mill-anness prospett, u billi l-konvenut aċċetta illi jħallas għal dawn is-serviġi s-somma ta' sitt mitt lira (£600), u fil-fatt ġia ħallas akkont is-somma ta' mitejn u tliet liri, ħdax-il xelin u seba' soldi (£203.11.7) u għalhekk baqagħlu jagħti lill-attur il-bilanċ ta' tliet mija sitta u disgħin lira, tmien xelini u ħames soldi (£396.8.5) u billi l-attur sallum għadu ma ħallasx dan il-bilanċ nonostanti l-promessi ripetutament magħmula lilu għal dan l-effett — talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma bilanċjali lilu spettanti għas-serviġi u prestazzjonijiet fuq riferiti — bl-imgħax kommerċjali u bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi ma hiex koretta l-allegazzjoni tal-attur illi huwa offra sitt mitt lira (£600) għas-serviġi legali li kellu jagħmel; fil-fatt huwa ta lill-attur oltre erba' mitt lira (£400) u dan ċertament joltrepassa kemm l-ammont li l-istess attur kien talab mill-konvenut meta offra l-prestazzjonijiet legali tiegħu, kif ukoll kwalsiasi ammont li jista' jiġi lilu stabilit minn din il-Qorti għall-prestazzjonijiet minn persuna legali — salvo eċċezzjonijiet oħra;

Omissis;

Tikkunsidra illi tnejn huma l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, waħda subordinata għall-oħra, ċioè (1) illi huwa ma ppromettix £600 lill-attur u (2) li l-£400 li huwa ta lill-attur joltrepassaw l-ammont li l-istess kien talab lill-konvenut meta offra s-serviġi tiegħu professjonali jew l-ammont li ġie fissat mill-

Qorti. Kwindi jekk l-attur jasal biex jipprova illi verament kien hemm ftehim illi kellu jieħu £600 għall-prestazzjonijiet professjonali tiegħu, ma tibqax ħlief l-indaġini kemm verament ħa l-attur mingħand il-konvenut billi hu jgħid illi ħa biss akkont ta' £203.11.7, u l-perit legali fil-fatt segwa dan is-sistema;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni għandu jingħad illi ma hemm xejn illegali illi wieħed jiftehem preventivament dwar il-kompens li għandu jiġi lilu mogħti sakemm ikun fil-limiti tar-raġjonevolezza u ma jkun hemm ebda sproporzjon manifest bejn il-kompens pattwit u s-serviġi li ġew resi. Dan m'hux il-patt quotae lites projbit mill-liġi, u del resto l-konvenut xejn ma eċċipixxa f'dan is-sens. Barra minn dan ħafna mill-prestazzjonijiet ma kienux ta' indoli purament legali u hija liġi espressa (Kodiċi Ċivili Art. 1983 (1)) illi l-mandat għandu jikkompensa lill-mandatarju tax-xogħol tiegħu jekk ikun wiegħdu kumpens;

Omissis.